MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 585/2002/1

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

**Vs**

**Anthony Deguara limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm1,362.39c (elf, tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid (Numru 575/02) ipprezentat fl-1 ta' Marzu 2002 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fit-2 t'Ottubru 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet it-talba attrici ghal Lm512.39 (hames mija u tnax il-lira Maltin u disgha u

tletin centezmu) stante hlas tas-somma ta' Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) fil-mori tal-kawza.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici fl-ammont ta' Lm512.39c (hames mija u tnax-il lira Maltin), bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------